MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2006

Numru 57413/2006

**Il-Pulizja (Spettur Alexander Grech)**

**v.**

**J. B.**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu provvediment wara rikors maghmul mill-Avukat Generali fit-30 ta' Ottubru 2006, li permezz tieghu talab, a tenur tal-Artikolu 574A(9) tal-Kodici Kriminali, li din il-Qorti tordna l-arrest mill-gdid ta' J. B..

**2.** Il-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors kienu s-segwenti: fis-26 ta' Ottubru 2006 sar rapport minn ghalliema fi skola governattiva li din kienet giet aggredita minn wahda mit-tfajliet li kienet tattendi dik l-istess skola. Meta l-pulizija, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Alexander Grech, baghtet ghall-imsemmija tifla (li jirrizulta li ghandha biss tlettax-il

sena) biex din tmur l-Ghassa tal-Pulizija, marret ommha fl-imsemmija Ghassa, u din giet infurmata biex l-ghada ggib lit-tifla fl-imsemmija Ghassa fid-9.00 a.m. ghax il-Pulizija riedet tkellimha. Effettivament hekk gara, u ghalhekk l-ghada, 27 ta' Ottubru 2006, J. B. marret l-Ghassa tal-Pulizija akkumpanjata minn ommha T. Hemmhekk it-tifla giet interrogata mill-Pulizija (fil-presenza tal-omm) u din irrilaxxjat stqarrija. F'dana l-istadju – kienu saru xi l-10.00 a.m. – l-Ispettur Grech intimala (lit-tifla) li huwa kien sejjer iressaqha l-Qorti (il-kliem li uza, skond id-deposizzjoni moghtija llum, kienu, fis-sens "Minn hawn ghall-Qorti"), u effettivament huwa ressaqha b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ghal xi l-11.30 a.m. akkuzata, fost ohrajn, b'offiza fuq persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku (Art. 95(1) tal-Kodici Kriminali), attakk u resistenza kontra tali persuna (Art. 96(a)), u li kkagunat offiza ta' natura hafifa (Art. 221(1)) fuq l-istess persuna.

**3.** Il-Qorti Istruttorja, fl-ezercizzju li hija kienet obbligata li taghmel ghall-finijiet tas-subartikoli (5) u (6) tal-Artikolu 574A tal-Kodici Kriminali, b'digriet moghti dak in-nhar stess 27 ta' Ottubru 2006, ippronunzjat ruhha f'dan is-sens:

**"Il-Qorti, wara li semghet lill-Prosekuzzjoni** *(sic!)* **jixhed bil-gurament biex jiggustifika l-presentata bl-arrest tal-minorenni, din l-istess Qorti tirrileva illi dan l-arrest mhux gustifikat u ghaldaqstant tordna l-helsien mill-arrest immedjat ta' l-istess minorenni."**

Dik il-Qorti, imbaghad, ghaddiet biex, fost affarijiet ohra, taghmel Ordni Provvizorja ta' Supervizjoni u "assenjat" l-atti lill-Qorti tal-Minorenni. L-Avukat Generali qieghed jitlob it-thassir proprju tad-digriet hawn fuq riprodott.

**4.** Din il-Qorti – il-Qorti Kriminali – appuntat dan ir-rikors ghas-smigh ghall-31 ta' Ottubru 2006, pero` f'dik l-udjenza giet infurmata minn omm l-intimata li t-tifla kienet siefret lejn Catania u kellha tirritorna lura Malta nhar il-Gimgha 3 ta' Novembru filghaxija. Kien ghalhekk li r-rikors thalla ghall-bierah, 6 ta' Novembru fit-3.00 p.m., izda l-Imhallef

sedenti nqabad b'xoghol iehor u ghalhekk ir-rikors kellu jinstema' llum.

**5.** Fil-kors tat-trattazzjoni ta' dalghodu, l-abbili difensur tal-intimata, l-Avukat Dott. Joseph Giglio, sahaq li ghalkemm il-pulizija kellha l-opportunita` ossia z-zmien bejn is-26 u s-27 ta' Ottubru biex titlob Magistrat ghall-hrug ta' Mandat ta' Arrest skond l-Artikolu 355V tal-Kap. 9, dan ma ghamlitux u minflok l-ufficjal tal-pulizija koncernat – l-Ispettur Grech – ressaq lit-tfajla l-Qorti taht arrest, b'mod ghalhekk li dak l-arrest ma kienx gustifikat skond il-ligi. Subordinatament fisser li l-arrest kien ukoll mhux gustifikat ghax hija tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja meta fil-fatt kellha titressaq quddiem il-Qorti tal-Minorenni; u fl-ahharnett sahaq li fi kwalunkwe kaz id-delitt jew delitti li kienet akkuzata bihom (*vide supra*) J. B. ma kienux punibbli bi prigunerija minhabba l-eta` taghha, u cioe` in vista tat-tnaqqis fil-piena li jgib mieghu l-Artikolu 36 tal-Kodici Kriminali.

**6.** Din il-Qorti, wara li semghet liz-zewg nahat f'dawn il-proceduri, hija tal-fehma li t-talba maghmula mill-Avukat Generali hija gustifikata skond il-ligi. Ghalkemm id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 355V *et seq.* tal-Kodici Kriminali, introdotti bl-Att III tal-2002, kienu intizi biex fil-maggoranza tal-kazijiet jitrasferixxu s-setgha tal-arrest (u tal-prekwisizzjoni) li qabel kellu ufficjal tal-pulizija minn grad ta' Spettur 'l fuq minghand dan l-ufficjal ghal ghand il-Magistrat, il-ligi pprovdiet ghal diversi eccezzjonijiet, kif jirrizulta car kemm mill-Artikoli 355W u 355X, kif ukoll mid-dicitura ta' l-istess Artikolu 355V: ***"...hlief jekk skond xi disposizzjoni tal-ligi dak l-arrest jista' jsir minghajr mandat."*** Kif din il-Qorti kellha diga` l-opprtunita` li tfisser fil-provvedimenti taghha tal-24 ta' Novembru 2004 u 12 ta' Mejju 2005 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Odette Micallef et** u **Il-Pulizija v. Andrew Kelly et** rispettivament,

**"Spettur tal-Pulizija, bis-sahha tal-Artikolu 355AD(2) tal-Kodici Kriminali, ghandu s-setgha li, meta jibghat ghal xi hadd (li ma jkunx bil-*police bail*) u dak ix-xihadd jigi volontarjament fil-Ghassa tal-Pulizija (anke jekk ikun jaf li ser jitressaq il-Qorti) jarrestah <u>proprju</u>**

**<u>biex iressqu l-Qorti taht arrest</u>, irrispettivament minn kemm ikunu ilhom ghaddejjin l-investigazzjonijiet – basta, naturalment, li l-Ispettur ikollu suspett ragonevoli li l-persuna hekk arestata tkun ikkommettiet reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija."**

Din il-Qorti ma semghet xejn fit-trattazzjoni tal-lum li ghandu jwassalha li tirrevedi jew tiddiskosta ruhha minn din l-interpretazzjoni tal-ligi. It-tfajla in kwistjoni – l-intimata odjerna – marret l-Ghassa tal-Pulizija volontarjament, ankorke` fuq rikjesta tal-pulizija lil ommha u akkumpanjata mill-istess ommha. Kif tajjeb osserva l-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Stephen Tonna Lowell, l-ezercizzju kontemplat fis-subartikolu (6) tal-Artikolu 574A ma hux intiz biex il-Magistrat jiddetermina x'kien l-aktar "opportun" jew "desiderabbli" li jsir fic-cirkostanzi tal-kaz, cioe` jekk persuna kellhiex titressaq b'arrest jew b'citazzjoni – il-Magistrat hu msejjah biex jiddetermina jekk "...id-detenzjoni ulterjuri tal-akkuzat jew imputat..." hix, fil-kaz partikolari, "...imsejsa fuq xi disposizzjoni ta' dan il-Kodici jew ta' xi ligi ohra <u>li tawtorizza l-arrest u d-detenzjoni tal-persuna arrestata</u>...". Kif rajna, tali disposizzjoni tal-ligi hija proprju s-subartikolu (2) tal-Artikolu 355AD. F'ebda stadju ma gie argumentat li l-Ispettur Grech ma kellux, jew ma setax ikollu, suspett ragonevoli li t-tfajla kkomettiet reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija (salv dak li ser jinghad aktar 'l isfel f'dan il-provvediment).

**7.** Anqas ma tista' l-intimata tghid li l-arrest taghha ma kienx "imsejjes fuq xi disposizzjoni ta' ligi" minhabba l-fatt li hija tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja minflok quddiem il-Qorti tal-Minorenni mwaqqfa taht l-Att dwar il-Qorti tal-Minorenni (Kap. 287). Skond is-subartikolu (2) tal-Artikolu 3 tal-imsemmi Att, il-Qorti tal-Minorenni "titqies li hi Qorti tal-Magistrati", u huwa proprju quddiem Qorti tal-Magistrati li l-intimata odjerna tressqet b'arrest ghall-finijiet tal-Artikolu 574A tal-Kodici Kriminali. Il-kwistjoni tal-kompetenza jew gurisdizzjoni tal-qorti ma tincidix fuq il-kwistjoni tal-bazi legali li fuqha kien

imsejjes l-arrest tal-intimata ghall-finijiet tal-presentata taghha quddiem l-awtorita` gudizzjarja.

**8.** Kwantu ghall-kwistjoni tal-piena u l-Artikolku 36 invokat mill-abbili difensur tal-intimata, din il-Qorti tosserva li dak li wiehed irid ihares lejh biex jara jekk kienx hemm “reat li ghalih hemm prigunerija” (Art. 355AD(2)) huwa r-reat minghajr tlugh jew inzul minhabba cirkustanzi persunali kif imfissra fl-Artikolu 44 tal-Kodici Kriminali. Apparti dan, pero`, anke jekk wiehed jillimita ruhhu ghar-reat ta’ attakk u resistenza, dan jista’ dejjem ikun suggett ghall-piena ta’ prigunerija ta’ tlett xhur taht it-tieni *proviso* tal-Artikolu 36 imsemmi (u dan b’applikazzjoni tal-Artikolu 31(1)(b)(xi)(xiv) tal-Kodici Kriminali).

**9.** Ghalhekk hemm lok li t-talba ta’ l-Avukat Generali tintlaqa’ u li d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tas-27 ta’ Ottubru 2006 jigi revokat.

**10.** Ghall-motivi premessi din il-Qorti thassar u tirrevoka l-imsemmi digriet li a bazi tieghu J. B. inhelset mill-arrest u minflok tordna l-arrest mill-gdid tal-istess J. B., salv u impregudikat id-dritt taghha li titlob il-helsien mill-arrest taht is-subartikolu (7) tal-Artikolu 574A mill-qorti kompetenti. Tordna li kopja ta’ dan id-digriet tigi trasmessa minnifih lill-Qorti tal-Minorenni; u tordna wkoll li isem l-intimata kif ukoll dak ta’ ommha ma ghandhom jixxandru f’ebda rapport fuq il-media li talvolta jista’ jkun hemm fir-rigward ta’ dan il-provvediment.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------